# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

**Għażla tas-Suġġett**: Kimika

*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*
**Applikata:** ____
**Akkademika**: ✓
**Vokazzjonali:** _____

**Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**

*Il-kimika tinvolvi studju dinamiku tad-dinja materjali. Huwa qasam li juri l-ħila umana bbażata fuq il-fehim wiesa' ta' kunċetti fiżiċi u mudelli li huma magħquda bi proċessi proċedurali u intellettwali komuni. Il-kimika u x-xogħol tal-ispiżjara għandhom impatt profond fuq l-ambjent, il-kwalità tal-ħajja u fuq il-prattiki soċjali u kulturali.*

(2020 Chemistry SEC 06 Syllabus, MATSEC, UM)

**Lista ta' temi studjati:**

*a. Materjali mid-Dinja - L-Atmosfera*
*b. Materjali mid-Dinja - Il-Baħar*
*ċ. Materjali mid-Dinja – L-Art*
*d. Nagħmlu Materjali Ġodda: Kemm se jgħaġġlu? Kemm se jmorru 'l bogħod? Kemm jiswew?*
*e. Komposti tal-karbonju mid-Dinja - Nilħqu l-ħtiġijiet enerġetiċi tagħna*

**Attivitajiet involuti fil-klassi:**

*a. Lezzjonijiet teoretiċi*
*b. Prattika ta' rutina fil-laboratorju*
*ċ. Prattika investigattiva fil-laboratorju*
*d. Żjarat fuq il-post*
*e. Riċerka*
*f. Preżentazzjonijiet*

**Xogħol assenjat għad-dar:**

*a. Varjetà ta' kompiti maħsuba biex isostnu t-tagħlim tal-klassi*
*b. Rapporti ta' rutina dwar ix-xogħol tal-laboratorju*
*ċ. Rapporti investigattivi dwar ix-xogħol tal-laboratorju*
*d. Rapporti dwar iż-żjarat fis-siti*
*e. Kompiti relatati mar-riċerka*
*f. Tħejjija ta' preżentazzjonijiet*

**Assessjar mogħti:**

*a. Xogħol tad-dar*
*b. Xogħol tal-klassi*
*ċ. Rapporti tal-laboratorju*
*d. Rapporti dwar iż-żjarat fis-siti*
*e. Preżentazzjonijiet*
*f. Testijiet fl-aħħar ta' kull tema*

| |
|---|
| **Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**<br>*a. għarfien ta' kunċetti kimiċi bażiċi u għarfien ta' prinċipji u mudelli kimiċi*<br>*b. għarfien li l-kimika hija suġġett dinamiku u li qed jevolvi u li l-prinċipji u t-teoriji tagħha jistgħu jinbidlu*<br>*ċ. adozzjoni ta' metodu xjentifiku ta' investigazzjoni*<br>*d. kisba ta' ħiliet prattiċi rilevanti filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-prattika korretta u sigura fil-laboratorju*<br>*e. kompetenza sperimentali u investigattiva*<br>*f. formolazzjoni ta' ipoteżi u d-disinn t'esperimenti biex tittestja dawn l-ipoteżijiet*<br>*ġ. organizzazzjoni, interpretazzjoni u evalwazzjoni ta' informazzjoni kimika biex jitfasslu konklużjonijiet, jittieħdu deċiżjonijiet u/jew jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi*<br>*g. komunikazzjoni tal-għarfien u s-sejbiet kimiċi b'modi xierqa*<br>*għ. applikazzjoni tal-għarfien u fehim kimiku għal sitwazzjonijiet familjari u mhux familjari*<br>*h. żvilupp t'apprezzament tal-applikazzjonijiet ambjentali u teknoloġiċi tal-kimika u tal-implikazzjonijiet ekonomiċi, etiċi u soċjali tagħhom*<br><br>(adattat minn: 2020 Chemistry SEC 06 Syllabus, MATSEC, UM) |
| **Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**<br><br>*a. Ħakma tajba tal-lingwa Ingliża*<br><br>*b. Matematika bażika li tinkludi:*<br>*• il-ħila li twettaq proċessi aritmetiċi sempliċi bħaż-żieda, it-tnaqqis, il-multiplikazzjoni u d-diviżjoni tal-kwantitajiet espressi f'forma deċimali, bħala frazzjonijiet, jew fin-notazzjoni tal-indiċi;*<br><br>*• il-kapaċità li tikkalkula l-volumi; kalkoli perċentwali sempliċi; kalkoli li jinvolvu proporzjonijiet;*<br><br>*• il-kapaċità li tuża u tinterpreta graffs sempliċi, twettaq estrapolazzjonijiet u interpolazzjonijiet u tkejjel il-gradjenti.*<br><br>(2020 Chemistry SEC 06 Syllabus, MATSEC, UM) |
| **Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni:** Michael Mercieca |
| **Indirizz elettroniku**: michael.mercieca@ilearn.edu.mt |